**Parlament Ewropew**
2019-2024

*Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali*

**2020/2012(INL)**

7.9.2020

# OPINJONI

tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

għall-Kumitat għall-Affarijiet Legali

b'rakkomandazzjonijiet għall-Kummissjoni dwar qafas tal-aspetti etiċi tal-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati
(2020/2012(INL))

Rapporteur għal opinjoni: Lina Gálvez Muñoz

(Inizjattiva – Artikolu 47 tar-Regoli ta' Proċedura)



Magħquda fid-diversità

PA_INL

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Legali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

A. billi l-applikazzjoni tal-Intelliġenza Artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati (IA) fil-ħajja ta' kuljum u fuq il-post tax-xogħol qed tiżdied b'mod kostanti, u b'hekk qed tittrasforma b'mod sinifikanti l-istrutturi soċjoekonomiċi attwali; billi l-IA għandha tkun ta' benefiċċju għaċ-ċittadini u għas-soċjetà billi ttejjeb il-kwalità tal-ħajja, toħloq opportunitajiet ġodda ta' impjieg u ttejjeb il-kompetittività tal-Unjoni; billi l-IA hija parti essenzjali mill-ekonomija diġitali u għandha l-potenzjal li trawwem il-prosperità u tiffaċilita t-tranżizzjoni lejn ekonomija sostenibbli, jekk tiġi sfruttata tajjeb;

B. billi l-IA tirreferi għal sistemi li juru mġiba intelliġenti billi janalizzaw l-ambjent tagħhom u jieħdu azzjonijiet – b'ċertu grad ta' awtonomija – biex jiksbu għanijiet speċifiċi; billi s-sistemi bbażati fuq l-IA jistgħu jkunu purament ibbażati fuq software, peress li jaġixxu fid-dinja virtwali, pereżempju fis-sura ta' assistenti bil-leħen, software ta' analiżi tal-immaġnijiet, magni tat-tiftix, sistemi ta' rikonoxximent tad-diskors u tal-wiċċ, jew inkella jistgħu jkunu inkorporati f'apparati hardware, pereżempju robots avvanzati, karozzi awtonomi, droni jew applikazzjonijiet tal-Internet tal-Oġġetti;[1]

C. billi l-IA tikkostitwixxi prijorità strateġika li l-potenzjal sħiħ tagħha jista' jiġi sfruttat biss jekk l-utenti u l-konsumaturi jkunu konxji mill-benefiċċji u l-isfidi potenzjali li din iġġib magħha; billi l-intrapriżi kif ukoll il-ħaddiema u r-rappreżentanti tagħhom spiss la jkunu konxji mill-applikazzjonijiet tal-IA u lanqas mill-funzjonijiet u d-data sottostanti tagħhom; billi hemm każijiet ta' applikazzjonijiet tal-IA bi ksur tar-regolamenti eżistenti, bħall-protezzjoni tad-data;

D. billi potenzjalment l-IA toffri benefiċċji ekonomiċi u soċjetali kif ukoll opportunitajiet ġodda kemm għan-negozji kif ukoll għall-ħaddiema, filwaqt li fl-istess ħin tqajjem għadd ta' sfidi etiċi, legali u relatati mal-impjiegi; billi l-applikazzjoni tal-IA fuq il-post tax-xogħol tista' tikkontribwixxi għal swieq tax-xogħol inklużivi u tħalli impatt fuq is-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol, filwaqt li tista' tintuża wkoll biex tissorvelja, tevalwa, tbassar u tiddirieġi l-prestazzjoni tal-ħaddiema b'konsegwenzi diretti u indiretti fuq il-karriera tagħhom; billi l-IA għandu jkollha impatt pożittiv fuq il-kundizzjonijiet tax-xogħol u tkun iggwidata mir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem kif ukoll id-drittijiet fundamentali u l-valuri tal-Unjoni; billi l-IA għandha tkun iċċentrata fuq il-bniedem, ittejjeb il-benessri tan-nies u tas-soċjetà u tikkontribwixxi għal tranżizzjoni ekwa u ġusta;

E. billi l-IA għandha impatt sinifikanti fuq is-suq tax-xogħol[2]; billi din potenzjalment tista' tissostitwixxi l-ħaddiema li jwettqu attivitajiet ripetittivi, tiffaċilita s-sistemi ta' ħidma kollaborattiva bejn il-bniedem u l-magni, iżżid il-kompetittività u l-prosperità u toħloq opportunitajiet ġodda ta' impjieg għall-ħaddiema kwalifikati; billi x-xenarju tal-impjiegi

[1] Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar L-Intelliġenza Artifiċjali għall-Ewropa, COM(2018) 237 final

[2] STOA, "The ethics of artificial intelligence: issues and initiatives" (L-etika tal-intelliġenza artifiċjali: kwistjonijiet u inizjattivi) Marzu 2020

qed jevolvi b'mod rapidu u mistenni li madwar 65 % tat-tfal tal-lum se jkunu jaħdmu f'tipi ta' impjieg kompletament ġodda u hemm bżonn ta' taħriġ mill-ġdid u titjib tal-ħiliet tal-ħaddiema, b'mod partikolari fir-rigward tal-ħiliet diġitali, biex jiġi żgurat li ħadd ma jibqa' lura u jkun hemm provvista suffiċjenti ta' ħaddiema speċjalizzati[3];

F. billi skont is-CEDEFOP, madwar 43 % tal-impjegati adulti tal-Unjoni esperjenzaw teknoloġiji ġodda fuq il-post tax-xogħol; billi madwar sebgħa minn kull għaxar ħaddiema tal-Unjoni jeħtieġu mill-inqas ħiliet diġitali moderati biex jagħmlu xogħolhom;[4] billi bħala medja, madwar kwart taċ-ċittadini tal-Unjoni m'għandhomx ħiliet diġitali jew għandhom livell baxx ta' ħiliet diġitali; billi d-distakk diġitali għandu aspetti speċifiċi soċjoekonomiċi, ta' ġeneru, età, ġeografiċi u dawk ta' aċċessibbiltà, li jridu jiġu indirizzati; billi 42 % tal-ħaddiema fil-kumpaniji li japplikaw l-IA fil-proċessi tan-negozju tagħhom jemmnu li tali attivitajiet iwasslu għal kwistjonijiet etiċi, li għandhom jiġu indirizzati; billi 28 % ta' min iħaddem jemmnu li l-applikazzjoni tal-IA ma żviluppatx fuq skala kbira minħabba nuqqas ta' regoli etiċi dwar din il-kwistjoni;[5]

G. billi l-pandemija tal-COVID-19 enfasizzat l-importanza tas-soluzzjonijiet diġitali, inkluż it-telexogħol, kif ukoll l-implikazzjonijiet tekniċi u soċjali tagħha; billi m'hemm l-ebda dispożizzjoni komuni fil-livell tal-Unjoni, fir-rigward tal-applikazzjoni tal-IA fuq il-post tax-xogħol, li tista' twassal għal distorsjonijiet fis-suq u żvantaġġi tal-kompetizzjoni; billi l-IA għandha tkun soġġetta għal qafas regolatorju xieraq;

H. billi l-OECD fasslet rakkomandazzjonijiet dwar l-IA[6];

I. billi l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea jinkoraġġixxi l-promozzjoni ta' approċċ etiku u ċċentrat fuq il-bniedem fir-rigward tal-IA[7];

J. billi s-sħab soċjali fil-livell tal-Unjoni kkonkludew ftehim qafas dwar id-diġitalizzazzjoni, li fost oħrajn jinkludi kapitolu dwar "Artificial intelligence and guaranteeing the human in control principle" (L-Intelliġenza artifiċjali u l-garanzija tal-prinċipju "fil-kontroll tal-bniedem")[8];

K. billi xi Stati Membri diġà stabbilew korpi speċjali biex jimmonitorjaw u jivvalutaw l-influwenza tal-IA fuq il-post tax-xogħol;

L. billi l-isforzi biex jiġu indirizzati l-preġudizzji relatati mal-ġeneri u l-inugwaljanza fis-settur diġitali mhumiex biżżejjed; billi d-differenza bejn il-ġeneri tippersisti fid-dominji kollha tat-teknoloġija diġitali u speċjalment fir-rigward tal-IA, u b'hekk tissolidifika trajettorja preġudikata favur l-irġiel għas-settur diġitali fil-futur prevedibbli;

---

[3] Parlament Ewropew, "Encouraging STEM studies for the labour market" (L-inkoraġġiment tal-istudji STEM għas-suq tax-xogħol), Marzu 2015

[4] CEDEFOP, "European Skills and Jobs survey" (Stħarriġ Ewropew dwar il-Ħiliet u l-Impjiegi)

[5] Capgemini Research Institute, "Why addressing ethical questions in AI will benefit organizations" (Għaliex l-indirizzar tal-kwistjonijiet etiċi fl-IA se jkun ta' benefiċċju għall-organizzazzjonijiet), Lulju 2019

[6] OECD, "Recommendation of the Council on Artificial Intelligence" (Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-Intelliġenza Artifiċjali), 2019, https://legalinstruments.oecd.org/en/instruments/OECD-LEGAL-0449

[7] Kunsill tal-Unjoni Ewropea "Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tiswir tal-futur diġitali tal-Ewropa", Ġunju 2020

[8] Ftehim Qafas tas-Sħab Soċjali Ewropej dwar id-Diġitalizzazzjoni, Ġunju 2020

1. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu vvalutati bir-reqqa l-opportunitajiet u l-isfidi ppreżentati mill-applikazzjonijiet tal-IA fil-kumpaniji privati u pubbliċi kif ukoll fl-amministrazzjoni pubblika fir-rigward tal-impjiegi u l-ħaddiema, inkluż l-impatt tagħhom fuq il-bilanc bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, l-organizzazzjoni tax-xogħol u l-flussi ta' ħidma; iqis li huwa indispensabbli li d-djalogu soċjali ma jiġix evitat u li l-ħaddiema u r-rappreżentanti tagħhom jiġu kkonsultati u li jirċievu biżżejjed informazzjoni mill-bidu tal-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet; jissottolinja li l-implimentazzjoni tal-IA jeħtieġ li jkun trasparenti u li s-sistemi tal-IA fuq il-post tax-xogħol iridu jirrispettaw il-privatezza u d-dinjità tal-ħaddiema;

2. Jindika li valutazzjoni tar-riskju komprensiva għandha ssir qabel l-iżvilupp, it-tifrix u l-implimentazzjoni tas-sistemi tal-IA, biex tevalwa l-impatt tagħhom fuq id-drittijiet fundamentali u l-kundizzjonijiet tax-xogħol, inkluż f'termini ta' saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol, kif ukoll il-konsegwenzi soċjali tagħhom; il-valutazzjonijiet għandhom ikopru r-riskji relatati mat-teħid ta' deċiżjonijiet mill-bniedem u d-diskriminazzjoni soċjali, kif ukoll l-evalwazzjoni tar-riskji okkupazzjonali li jinħolqu;

3. Jirrimarka li s-soluzzjonijiet tal-IA għandhom il-potenzjal li jtejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-kwalità tal-ħajja, inkluż bilanċ aħjar bejn ix-xogħol u l-ħajja privata u aċċessibbiltà aħjar għall-persuni b'diżabilità, li jbassru l-iżvilupp tas-suq tax-xogħol u li jappoġġjaw il-ġestjoni tar-riżorsi umani fil-prevenzjoni tal-preġudizzju tal-bniedem, iżda jistgħu jqajmu wkoll tħassib fir-rigward tal-privatezza u tas-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol, bħad-dritt ta' skonnessjoni, u jwasslu għal sorveljanza u monitoraġġ sproporzjonati u illegali tal-ħaddiema, li jiksru d-dinjità u l-privatezza tagħhom, kif ukoll it-trattament diskriminatorju, inkluż fil-proċessi ta' reklutaġġ, minħabba algoritmi preġudikati, inklużi algoritmi preġudikati skont il-ġeneru jew ir-razza u l-etniċità[9] u algoritmi għad-detriment tal-gruppi vulnerabbli; jinsab imħasseb, barra minn hekk, li l-IA tista' ddgħajjef il-libertà u l-awtonomija tal-persuni u tikkontribwixxi għal problemi tas-saħħa mentali tal-ħaddiema, bħall-eżawriment, "l-istress mit-teknoloġija", l-istrapazz u l-għeja psikoloġiċi; jenfasizza li s-soluzzjonijiet tal-IA fuq il-post tax-xogħol iridu jkunu trasparenti, ġusti u jevitaw kwalunkwe implikazzjoni negattiva għall-ħaddiema;

4. Jissottolinja li l-awtoritajiet kompetenti għandu jkollhom aċċess għall-informazzjoni kollha dwar id-data użata għat-taħriġ, il-mudelli statistiċi u l-prinċipji teoretiċi relatati mas-soluzzjonijiet tal-IA kif ukoll il-validità empirika tar-riżultati tagħhom;

5. Iqis li l-IA tista' tgħin biex jintużaw aħjar il-ħiliet u l-kompetenzi tal-persuni b'diżabilità u li l-applikazzjoni tal-IA fuq il-post tax-xogħol tista' tikkontribwixxi għal swieq tax-xogħol inklużivi u rati ta' impjieg ogħla għall-persuni b'diżabilità;

6. Jenfasizza li l-possibbiltajiet teknoloġiċi ġodda, bħall-IA, u l-apprezzament tal-effiċjenza tax-xogħol ma jridux iwasslu għal kapaċitajiet inugwali teknoloġikament imsaħħa, u futur diġitali diżumanizzat; jissottolinja li l-etika tal-innovazzjoni għandha ssegwi approċċ umanista;

---

[9] Parlament Ewropew: "Education and employment of women in science, technology and the digital economy, including AI and its influence on gender equality" (L-edukazzjoni u l-impjieg tan-nisa fix-xjenza, fit-teknoloġija u fl-ekonomija diġitali, inkluż l-IA u l-influwenza tagħha fuq l-ugwaljanza bejn is-sessi), April 2020

7. Iqis li għandu jkun obbligatorju li l-utenti, inklużi l-ħaddiema, u l-konsumaturi jiġu infurmati meta sistema tuża l-IA, b'mod partikolari fir-rigward ta' prodotti jew servizzi personalizzati, u li jirċievu informazzjoni sinifikattiva, f'forma li tinftiehem faċilment u aċċessibbli, dwar l-aspetti etiċi kollha tal-applikazzjonijiet tal-IA rilevanti għalihom, ħalli jieħdu deċiżjonijiet infurmati; jenfasizza l-importanza li wieħed jifhem kif l-algoritmi jipproċessaw u jivvalutaw id-data u kif dan jista' jiġi limitat jew imwaqqaf; jenfasizza l-ħtieġa tal-iżvilupp tal-kompetenzi permezz tat-taħriġ u l-edukazzjoni għall-ħaddiema u r-rappreżentanti tagħhom fir-rigward tal-IA fuq il-post tax-xogħol biex jifhmu aħjar l-implikazzjonijiet tas-soluzzjonijiet tal-IA;

8. Jenfasizza li l-applikanti u l-ħaddiema jeħtiġilhom jiġu infurmati kif xieraq bil-miktub meta l-IA tintuża waqt il-proċeduri ta' reklutaġġ u f'deċiżjonijiet oħra ta' riżorsi umani u kif f'dan il-każ jista' jintalab li jsir rieżami minn bniedem sabiex deċiżjoni awtomatizzata tkun tista' tinqaleb;

9. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġi żgurat li l-gwadann tal-produttività minħabba l-iżvilupp u l-użu tal-IA u r-robotika ma jkunux biss ta' benefiċċju għas-sidien tal-kumpaniji u l-azzjonisti, iżda jibbenefikaw minnhom ukoll il-kumpaniji u l-forza tax-xogħol, permezz ta' kundizzjonijiet aħjar ta' xogħol u ta' impjieg, u jservu wkoll lis-soċjetà inġenerali, speċjalment fejn tali gwadann isir għad-detriment tal-impjiegi; jistieden lill-Istati Membri jistudjaw bir-reqqa l-impatt potenzjali tal-IA fuq is-suq tax-xogħol u s-sistemi tas-sigurtà soċjali u jiżviluppaw strateġiji dwar kif tiġi żgurata l-istabbiltà fit-tul permezz tar-riforma tat-taxxi u l-kontribuzzjonijiet kif ukoll miżuri oħra fil-każ ta' dħul pubbliku iżgħar;

10. Jissottolinja l-importanza tal-investiment korporattiv fit-taħriġ formali u informali u fit-tagħlim tul il-ħajja sabiex jappoġġja t-tranżizzjonijiet ġusta lejn l-ekonomija diġitali; jenfasizza, f'dan il-kuntest, li l-kumpaniji li jużaw l-IA għandhom ir-responsabbiltà li jipprovdu taħriġ mill-ġdid u titjib tal-ħiliet adegwati għall-impjegati kollha kkonċernati sabiex ikunu jistgħu jitgħallmu kif jużaw l-għodod diġitali u jaħdmu b'co-bots u teknoloġiji ġodda oħra, u b'hekk jadattaw għall-ħtiġijiet li qed jinbidlu tas-suq tax-xogħol u jibqgħu fl-impjieg;

11. Jappella biex jiġi applikat il-prinċipju ta' prekawzjoni fir-rigward tat-teknoloġiji ġodda bbażati fuq l-IA; jissottolinja l-prinċipju fundamentali li l-bnedmin jeħtiġilhom dejjem ikunu fil-kontroll tal-magni u tal-IA u li t-teħid tad-deċiżjonijiet tal-IA irid ikun akkontabbli u kontestabbli u, fejn rilevanti, reversibbli; jisħaq li l-istandards ta' sikurezza u sigurtà għall-IA jridu jiġu rrispettati u jenfasizza l-importanza ta' verifiki u kontrolli regolari f'dan ir-rigward sabiex jiġi evitat output żbaljat bl-IA; ifakkar li r-responsabbiltà fir-rigward tal-użu tal-IA trid tkun definita b'mod ċar, kemm f'każ ta' inċidenti fuq il-post tax-xogħol kif ukoll f'każ ta' ħsara kkawżata lil partijiet terzi;

12. Jissottolinja li l-IA għandha tkun ċċentrata fuq il-bniedem, trasparenti, sikura u sigura u trid tikkonforma mad-drittijiet fundamentali u l-liġijiet u r-regolamenti applikabbli, inkluż ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (GDPR), matul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu tas-sistema, speċjalment meta tkun implimentata fuq il-post tax-xogħol; jitlob l-iżvilupp ta' sistema ta' ċertifikazzjoni robusta, ibbażata fuq proċeduri ta' ttestjar u ggwidata mill-prinċipju ta' prekawzjoni, li tippermetti lin-negozji juru li l-prodotti tal-IA tagħhom jikkonformaw mad-drittijiet fundamentali u mal-istandards tal-Unjoni;

13. Ifakkar li l-acquis soċjali u tal-impjiegi tal-Unjoni japplika bis-sħiħ għall-IA u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw infurzar xieraq u jindirizzaw kwalunkwe lakuna leġiżlattiva potenzjali; jinnota li l-Unjoni tista' ssir mexxejja globali fil-promozzjoni tal-użu soċjalment responsabbli tal-IA;

14. Jenfasizza l-importanza ta' approċċ Ewropew komuni fir-rigward tal-aspetti etiċi tal-IA; jissottolinja li kwalunkwe qafas regolatorju f'dan ir-rigward irid ikun adegwat u bbażat fuq valutazzjoni tal-impatt komprensiva sabiex jiġi evitat li jiġu ostakolati l-innovazzjoni u l-ħolqien tal-impjiegi futuri; jitlob, f'dan il-kuntest, qafas regolatorju Ewropew dwar l-aspetti etiċi tal-IA li jkun proporzjonat u li jiffoka b'mod speċjali fuq id-dinja tax-xogħol, inklużi d-drittijiet tal-ħaddiema u l-kundizzjonijiet tax-xogħol; iqis li għandha tingħata attenzjoni speċjali lil forom ġodda ta' xogħol, bħal "gig" u xogħol fuq il-pjattaformi, li jirriżultaw mill-applikazzjoni ta' teknoloġiji ġodda f'dan il-kuntest; iqis li qafas leġiżlattiv li għandu l-għan li jirregola l-kundizzjonijiet tat-telexogħol madwar l-Unjoni u jiżgura kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-impjieg deċenti fl-ekonomija diġitali jrid bl-istess mod iqis l-impatt tal-IA; jistieden lill-Kummissjoni tikkonsulta mas-sħab soċjali, l-iżviluppaturi tal-IA, ir-riċerkaturi u partijiet ikkonċernati oħra f'dan ir-rigward;

15. Jissottolinja li l-IA u kwalunkwe leġiżlazzjoni relatata bl-ebda mod ma trid taffettwa l-eżerċizzju tad-drittijiet fundamentali kif rikonoxxuti fl-Istati Membri u fil-livell tal-Unjoni, inkluż id-dritt jew il-libertà tal-istrajkjar jew li tittieħed azzjoni oħra koperta bis-sistemi speċifiċi ta' relazzjonijiet industrijali fl-Istati Membri, skont il-liġi u/jew il-prattika nazzjonali, jew taffettwa d-dritt tan-negozjar, ta' konklużjoni u ta' infurzar ta' ftehimiet kollettivi, jew tat-teħid ta' azzjoni kollettiva skont il-liġi u/jew il-prattika nazzjonali;

16. Jissottolinja li trid tingħata attenzjoni speċjali lid-data miġbura fuq il-post tax-xogħol bl-għajnuna tal-IA, b'mod partiklari jekk tintuża għad-deċiżjonijiet dwar ir-riżorsi umani; jistieden lis-sħab soċjali fil-livell tal-kumpaniji janalizzaw u jimmonitorjaw b'mod konġunt l-implimentazzjoni tal-IA; jistieden lill-Kummissjoni u lis-sħab soċjali janalizzaw il-ħtieġa ta' dispożizzjonijiet speċjali dwar il-protezzjoni tad-data fuq il-post tax-xogħol fil-kuntest tal-IA; jenfasizza li l-ħaddiema huma s-sidien tad-data tagħhom, anke wara t-tmiem ta' relazzjoni ta' impjieg;

17. Iqis li l-Aġenda l-ġdida għall-Ħiliet għall-Ewropa għandha tindirizza l-isfidi tal-adattament u tal-akkwist tal-kwalifiki u tal-għarfien, fid-dawl tat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, inklużi l-aspetti etiċi tal-IA; jissottolinja l-ħtieġa li l-aspetti etiċi tal-IA u l-iżvilupp ta' ħiliet għal skopijiet etiċi jkunu parti integrali minn kwalunkwe kurrikulu ta' edukazzjoni u taħriġ għall-iżviluppaturi u n-nies li jaħdmu bl-IA; ifakkar li l-iżviluppaturi, il-programmaturi, dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet u l-kumpaniji li jittrattaw l-IA jridu jkunu konxji mir-responsabbiltà etika tagħhom; iqis ukoll li huwa importanti li jiġi żgurat li l-utenti finali u l-konsumaturi jingħataw informazzjoni komprensiva u li jkun hemm skambji regolari bejn il-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha f'dan ir-rigward;

18. Itenni l-importanza tal-edukazzjoni u t-tagħlim kontinwu biex jiġu żviluppati l-kwalifiki meħtieġa fl-era diġitali u biex tiġi indirizzata b'mod determinat l-esklużjoni diġitali; jistieden lill-Istati Membri jinvestu f'edukazzjoni, taħriġ vokazzjonali u sistemi ta'

tagħlim tul il-ħajja ta' kwalità għolja, reattivi u inklużivi kif ukoll politiki ta' taħriġ mill-ġdid u ta' titjib tal-ħiliet għall-ħaddiema f'setturi li huma potenzjalment affettwati serjament mill-IA; jenfasizza l-ħtieġa li l-forza tax-xogħol attwali u futura tiġi pprovduta l-ħiliet tal-litteriżmu, in-numeriżmu u diġitali meħtieġa kif ukoll il-kompetenzi fix-xjenza, it-teknoloġija, l-inġinerija u l-matematika (STEM) u l-ħiliet personali trasversali, bħall-ħsieb kritiku, il-kreattività u l-intraprenditorija; jissottolinja li trid tingħata attenzjoni speċjali lill-inklużjoni tal-gruppi żvantaġġati f'dan ir-rigward;

19. Jissottolinja li l-IA ma tridx tirrinforza l-inugwaljanzi tal-ġeneri u l-istereotipi tas-sessi billi tittrasforma l-prekunċizzjonijiet u l-preġudizzji analogi f'oħrajn diġitali permezz tal-algoritmi;

20. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġi żgurat li l-persuni minn sfondi differenti, inklużi n-nisa, iż-żgħażagħ u l-persuni ta' kulur u l-persuni b'diżabilità jiġu inklużi fl-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-użu tal-IA; ifakkar li t-teknoloġiji bbażati fuq l-IA fuq il-post tax-xogħol iridu jkunu aċċessibbli għal kulħadd, ibbażati fuq il-prinċipju tad-disinn għal kulħadd;

21. Jirrimarka li l-aċċess għas-soluzzjonijiet tal-IA huwa marbut mill-qrib mal-aċċess għal internet b'veloċità għolja u għalhekk il-kopertura tal-broadband għandha tkun prijorità sabiex jiġu evitati d-diskriminazzjoni u l-aċċess mhux ugwali għal dawn it-teknoloġiji;

22. Jinnota li l-opportunitajiet tas-soluzzjonijiet tal-IA jiddependu mill-"Big Data", bil-ħtieġa ta' massa kritika ta' data biex tħarreġ l-algoritmi u tirfina r-riżultati; jilqa' f'dan ir-rigward il-proposta tal-Kummissjoni għall-ħolqien ta' spazju komuni tad-data fl-Unjoni biex jissaħħaħ l-iskambju tad-data u tiġi appoġġjata r-riċerka bir-rispett sħiħ tar-regoli Ewropej dwar il-protezzjoni tad-data.

# INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 7.9.2020 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 46<br>–: 6<br>0: 1 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Atidzhe Alieva-Veli, Abir Al-Sahlani, Marc Angel, Dominique Bilde, Gabriele Bischoff, Vilija Blinkevičiūtė, Andrea Bocskor, Milan Brglez, Sylvie Brunet, David Casa, Leila Chaibi, Margarita de la Pisa Carrión, Özlem Demirel, Klára Dobrev, Jarosław Duda, Estrella Durá Ferrandis, Lucia Ďuriš Nicholsonová, Rosa Estaràs Ferragut, Nicolaus Fest, Loucas Fourlas, Cindy Franssen, Heléne Fritzon, Elisabetta Gualmini, France Jamet, Agnes Jongerius, Radan Kanev, Ádám Kósa, Stelios Kympouropoulos, Katrin Langensiepen, Miriam Lexmann, Elena Lizzi, Radka Maxová, Kira Marie Peter-Hansen, Dragoș Pîslaru, Manuel Pizarro, Dennis Radtke, Elżbieta Rafalska, Guido Reil, Daniela Rondinelli, Mounir Satouri, Monica Semedo, Beata Szydło, Eugen Tomac, Romana Tomc, Yana Toom, Marie-Pierre Vedrenne, Nikolaj Villumsen, Marianne Vind, Maria Walsh, Stefania Zambelli, Tomáš Zdechovský |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Lina Gálvez Muñoz, Eugenia Rodríguez Palop |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| 46 | + |
|---|---|
| ECR | Lucia Ďuriš Nicholsonová, Elżbieta Rafalska, Beata Szydło, Margarita de la Pisa Carrión |
| GUE/NGL | Leila Chaibi, Özlem Demirel, Eugenia Rodríguez Palop, Nikolaj Villumsen |
| NI | Daniela Rondinelli |
| PPE | Andrea Bocskor, David Casa, Jarosław Duda, Rosa Estaràs Ferragut, Loucas Fourlas, Cindy Franssen, Radan Kanev, Ádám Kósa, Stelios Kympouropoulos, Miriam Lexmann, Dennis Radtke, Eugen Tomac, Romana Tomc, Maria Walsh, Tomáš Zdechovský |
| Renew | Abir Al-Sahlani, Atidzhe Alieva-Veli, Sylvie Brunet, Dragoş Pîslaru, Monica Semedo, Yana Toom, Marie-Pierre Vedrenne |
| S&D | Marc Angel, Gabriele Bischoff, Vilija Blinkevičiūtė, Milan Brglez, Klára Dobrev, Estrella Durá Ferrandis, Heléne Fritzon, Lina Gálvez Muñoz, Elisabetta Gualmini, Agnes Jongerius, Manuel Pizarro, Marianne Vind |
| Verts/ALE | Katrin Langensiepen, Kira Marie Peter-Hansen, Mounir Satouri |

| 6 | - |
|---|---|
| ID | Dominique Bilde, Nicolaus Fest, France Jamet, Elena Lizzi, Guido Reil, Stefania Zambelli |

| 1 | 0 |
|---|---|
| Renew | Radka Maxová |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni